

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Lulju 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2008/820/KE fir-rigward ta' estensjoni dwar deroga temporanja mir-regoli tal-orijini stipulati fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 biex titqies is-sitwazzjoni speċjali tas-Sważiland fir-rigward tal-ħjut tal-qalba mibrumin

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 5310)

(2009/529/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jstabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(4) tal-Anness II tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Ottubru 2008 ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/820/KE ⁽²⁾ li tagħti deroga temporanja mir-regoli tal-orijini stipulati fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 biex titqies is-sitwazzjoni speċjali tas-Sważiland fir-rigward tal-ħjut tal-qalba mibrumin. Fit-2 ta' Frar 2009, is-Sważiland talab, b'konformità mal-Artikolu 36 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 deroga ġdida mir-regoli tal-orijini stipulati f'dak l-Anness. Skont l-informazzjoni li nġabret mis-Sważiland, il-pajjiż għadu mhux f-pożizzjoni li jissodisfa r-regoli dwar kumulazzjoni ta' orijini stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) 1528/2007 peress illi jrid jakkwista mill-Afrika t'isfel poli fibri li ma joriġinawx għall-produzzjoni tal-prodott finali. B'hekk il-prodott finali mhuwiex konformi mar-regoli stipulati f'dak l-Anness. Peress illi s-Sważiland għandu bżonn aktar żmien biex jipprepara ruħhu ħalli jkun konformi mar-regoli tal-orijini, deroga ġdida għandha tingħata b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.

(2) Id-Deċiżjoni 2008/820/KE kienet applika sal-31 ta' Diċembru 2008 peress illi kien mistenni li l-Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika mar-reġjun SADC EPA (Stati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar) se jidħol fis-seħħ jew li kien se jiġi applikat b'mod provviżorju qabel dik id-data.

(3) B'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 ir-regoli ta' orijini stipulati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament u d-derogi għalihom għandhom jiġu sostitwiti bir-regoli tal-Ftehim Interim ta' Sħubija SADC-EU li d-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tiegħu issa hija prevista li sseħħ fl-2009.

(4) Huwa neċessarju li tiġi żgurata l-kontinwità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi AKP lejn il-Komunità kif ukoll it-tranżizzjoni mingħajr xkiel għall-Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika. Għalhekk, id-Deċiżjoni 2008/820/KE għandha titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.

(5) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2008/820/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2008/820/KE hija emendata kif ġej:

⁽¹⁾ ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 285, 29.10.2008, p. 17.

(1) L-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 għandha tapplika għall-prodotti u l-kwantitajiet stipulati fl-Anness li huma ddikjarati għal ċirkolazzjoni ħielsa miż-Sważiland lejn il-Komunità matul il-perjodi mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008 u mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.”

- (2) Fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu għandu jġi sostitwit b'dan li ġej:

“Għandha tapplika sakemm ir-regoli tal-orijini stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 jiġu sostitwiti b'dawk annessi ma' kwalunkwe ftehim mal-Isważiland, kemm meta dak il-ftehim ikun applikat proviżorjament, kif ukoll meta jidħol fis-seħħ, skont liema jseħħ l-ewwel, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009.”

- (3) L-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

“ANNEX

(*tunnellati*)

Nru tas-serje	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Il-perjodi	Il-kwantitajiet
09.1698	5206 22	Ħajt tal-qalba mibrumin	1.1.2008 sa 31.12.2008	1 300 tunnellata
	5206 42			
	5402 52		1.1.2009 sa 31.12.2009	1 300 tunnellata”
	5402 62			